*6 ta' Ġunju 2013*
78/2013

**ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA FL-OKKAŻJONI TAĊ-ĊENTINARJU MILL-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI TAL-1913**

**Data: Il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju 2013**

Post: Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta

**Ħin: 8.00 p.m.**

F'għeluq il-Ġimgħa Ewkaristika, fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913, għada, 7 ta' Ġunju 2013, ser issir ċelebrazzjoni Djoċesana fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta. Din ser titmexxa mill-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. bis-sehem tan-Nunzju Appostoliku, Mons. Aldo Cavalli, l-Isqof Awżiljarju Mons. Charles J. Scicluna, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca u l-Isqof ta' Malindi l-Kenya Mons. Emmanuel Barbara. Għal din iċ-ċelebrazzjoni ser jattendu madwar 300 tifel u tifla li resqu għall-Ewwel Tqarbina f'dawn il-ġranet.

Il-purċissjoni tad-dħul tal-Quddiesa ser toħroġ mill-Konkatidral ta' San Ġwann (mill-bieb prinċipali) sa Pjazza San Ġorġ, bis-sehem tal-fratelli tas-Sagrament immexxija mill-Arċikonfraternità tas-Sagrament tal-Belt, l-Ordnijiet tal-Kavallieri (l-Ordni Militari Sovran ta' Malta u l-Ordni Ekwestri tal-Qabar Imqaddes ta' Ġerusalemm). Warajhom ikun hemm l-abbatini u s-saċerdoti konċelebranti, l-Arċisqof u l-Isqfijiet. Il-Kor Collegium Musicum, taħt id-direzzjoni ta' Maestro Dion Buhagiar, ser janima ċ-ċelebrazzjoni.

Fi tmiem il-Quddiesa, l-Arċisqof ser imexxi purċissjoni bis-Sagrament Imqaddes, minn Pjazza San Ġorġ għal quddiem il-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn hemmhekk ser tingħata l-Barka Sagramentali. Il-purċissjoni ser tgħaddi minn dawn it-toroq: Triq l-Arċisqof, Triq Merkanti, Triq Melita, Triq ir-Repubblika u Triq San Ġwann.

Matul il-purċissjoni ser tindaqq il-fanfarra mill-Banda La Vallette, fil-bidu tal-purċissjoni u fejn il-Knisja ta' San Franġisk, u mill-Banda King's Own fejn il-każin tagħhom u waqt il-Barka Sagramentali.

Fl-aħħar parti tal-purċissjoni ser titkanta l-għanja liturġika "Id-Dija tad-Dinja" li ġiet miktuba apposta għal din l-okkażjoni, minn Patri George Buttigieg OFM Conv.